# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 556/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Ian Spiteri**
**(ID 363985M)**

**Vs**

**Angelique Xerri**
**(ID 459688M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 31 ta' Mejju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *ILLI l-intimata hija propjetarja tal-fond ossia terraced house 40-42 fi Triq San Edwardu, Birzebbugia.*

    2. *ILLI l-partijiet kienu għarajjes u l-attur għamel diversi xogħolijiet fl-imsemmi fond, skond kif kienet tixtieq l-istess intimata, għal liema xogħolijiet huwa la tħallas għall-materjal mixtri u anqas għax-xogħol eżegwit, dejjem a benefiċċju tal-istess fond tal-intimata. Huwa kien anke ħallas parti mill-pagamenti ta' loan li ttieħed minn bank ukoll a benefiċċju tal-intimata.*

    3. *ILLI di piu' il-partijiet fetħu joint account bejniethom u l-fondi ta' go fih ammontanti għal ċirka €13,000 inġibdu fl-intier tagħhom mill-intimata, meta tali fondi kienu jappartjenu in parte lill-attur.*

    4. *ILLI l-attur interpella diversi drabi lill-intimata għal biex tħallsu dak kollu dovut lilu skond dak indikat hawn fuq, iżda hija baqgħet inadempjenti.*

*5. ILLI l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

*Premess li l-attur xtara materjal, għamel diversi xogħolijiet, u qabbad lil min jagħmel xogħolijiet, dejjem a benefiċċju tal-intimata;*

*Premess li l-attur ħallas pagamenti fuq loan a benefiċċju tal-intimata, oltre li l-intimata ġibdet fondi minn joint bank-account liema fondi kienu jappartjenu in parte lill-attur.*

*Għaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qormi jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tal-attur għal ammonti dovuti lilu kemm in rigward ta' xogħol eżegwit fil-propjeta' tagħha, kemm in rigward ta' materjal mixtri għall-istess xogħolijiet, kemm bħala pagamenti ta' loan imħallsa mill-attur favur il-konvenuta, kif ukoll in rigward ta' sehemu minn joint account li kellhom;*

*(2) Tillikwida l-ammonti kollha dovuti mill-intimata lill-attur, jekk ikun hemm ħtieġa bl-opera ta' esperti maħtura mill-Qorti;*

*(3) Tordna lill-intimata tħallas lill-attur kwalunkwe somma globali hekk likwidata u dikjarat dovuta mill-istess intimata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali 4105/16 tal-14 ta' Diċembru 2016 u 28/18 tat-13 ta' Frar 2018 kontra l-istess intimata, u tal-ittri legali tal-1 t'Awwissu 2017 u tal-11 t'Ottubru 2017, u bl-interessi skond il-liġi mill-14 ta' Diċembru 2016 kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2018, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimata u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Li kull pagament li r-rikorrent rreklama fil-passat u li kontra tagħhom ppreżenta riċevuta fiskali, debitament tħallas, kif ġie risarċit ukoll tal-kontribuzzjonijiet li hu għamel tas-self konġunt. L-intimata ma għandha l-ebda problema tħallas għall-ħlasijiet li ma ġewx preżentati jekk jirriżultaw dovuti;*

*2. Li l-ammont reklamat formanti parti mill-kont fuq isimhom it-tnejn huma flus appartenenti lill-istess intimata peress li jirrapreżenta semha mir-rigali tat-tieġ riċevuti mill-mistednin tagħha, wara li l-istess rikorrent ġja irċieva ir-rigali riċevuti mill-mistednin tiegħu, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u l-ġbir tal-provi;*

*3. B'riserva għal eċċezzjonijiet oħra permessibbli skond il-Liġi.*

3. Rat l-affidavit ta' **Ian Spiteri** ppreżentat fit-3 ta' Otttubru 2019 (fol 23) flimkien ma' prospett ta' dak mitlub minnu (fol 25).

4. Rat l-affidavit ta' **Victor Spiteri** ppreżentat fit-3 ta' Otttubru 2019 (fol 31).

5. Rat l-affidavit ta' **Louis Camilleri** ppreżentat fit-3 ta' Otttubru 2019 (fol 32).

6. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-8 ta' Ottubru 2019.

7. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent fit-12 ta' Novembru 2019 (fol 36 sa 43) u dawk ippreżentati fis-7 ta' Jannar 2020 (fol 45 sa 58), li jinkludu wkoll id-dokumentazzjoni kollha ġia ppreżentata fit-12 ta' Novembru 2019.

8. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2020, il-provi rikorrenti ġew dikjarati magħluqa.

9. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Ian Spiteri mogħtija fit-13 ta' Lulju 2020 (fol 69).

10. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Victor Spiteri mogħtija fil-5 ta' Novembru 2020 (fol 89).

11. Rat illi fit-8 ta' Jannar 2021, r-rikorrent ppreżenta dokumentazzjoni ulterjuri, fosthom affidavit ulterjuri tiegħu (fol 104 sa 124).

12. Rat l-affidavit ta' l-intimata **Angelique Xerri** ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2021 (fol 133).

13. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mill-intimata, fosthom rendikont ta' flejjes riċevuti kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimata għaż-żwieġ tagħhom li seħħ fis-27 ta' Ġunju 2015 (fol 144 sa 193).

14. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Ian Spiteri mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2020 (fol 194).

15. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Louis Camilleri mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2020 (fol 201).

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Angelique Xerri mogħtija fil-25 ta' Jannar 2022 (fol 205).

17. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Angelique Xerri mogħtija fis-27 ta' April 2022 (fol 213).

18. Rat illi fis-27 ta' April 2022, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir ta' provi magħluq w differiet il-kawża għat-trattazzjoni finali.

19. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet mogħtija fil-5 ta' Lulju 2022.

20. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

21. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi l-partijiet saru jafu lil xulxin fis-sena 2010 u, wara ftit snin ta' għerusija, wara li bdew ifittxu dar, il-ġenituri ta' l-intimata ddonaw lill-intimata biċċa art filwaqt illi l-partijiet ġabu self bankarji ta' €121,000 fis-17 ta' Frar 2015 sabiex ikunu jistgħu jibnu l-fond.

22. Jirrriżulta illi l-partijiet iżżewġu fis-27 ta' Ġunju 2015, iżda spiċċa sfaxxa sa mhux aktar minn erbgħa ġimgħat wara, peress illi, kif stqarret is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku tat-28 ta' Frar 2017, ir-rikorrent naqas milli jifhem l-obbligi essenzjali taż-żwieġ.

23. Jirriżulta, di fatti, illi wara li sfaxxa ż-żwieġ tagħhom, tali żwieġ ġie ddikjart null mill-Qrati Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016 u null mit-Tribunali Ekklesjastiċi fit-28 ta' Frar 2017 fejn, inter alia, ir-rikorrent ġie pprojbit milli jerġa' jiżżewweġ  jekk mhux wara li jieħu terapija psikoloġika meħtieġa.

24. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċċjali 166A datata 13 ta' Frar 2018, (fol 88) ir-rikorrent interpella lill-intimata sabiex tħallas is-somma ta' €13,000 għal dak li jirrigwarda xogħol manwali illi għamel fil-fond ta' l-intimata, is-somma ta' €3,351.95 bħala pagamenti minnu magħmula għas-self ottjenut minnhom u s-somma ta' €6,500 bħala sehmu ta' nofs il-flejjes depositati fil-joint account tagħhom.

25. Jirriżulta illi, permezz ta' nota datata 22 ta' Frar 2018, l-intimata aċċettat illi titħallas is-somma ta' €3,351.95 filwaqt illi kkontestat il-kumplament ta' dak mitlub. (fol 117)

26. Jirriżulta illi, permezz ta' Ċedola ta' Depositu Nru 1742/2/2018 fl-ismijiet 'Angelique Xerri vs Ian Spiteri', ġiet ddepositata s-somma ta' €3,351.95 fit-22 ta' Frar 2018.

27. Jirriżulta illi tali ċedola ġiet sussegwentement żbankata mir-rikorrent f'Lulju 2020.

28. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz tal-preżenti, ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni fejn talab illi jitħallas is-somma ta' €68,347 li, skond il-prospett jinkludu €44,683 bħala flejjes imħallsa in konnessjoni mad-dar ta' l-intimata, is-somma ta' €13,500 bħala spejjeż stmati ta' bini u elettriku fil-fond ta' l-intimata, is-somma ta' €3,351.95 bħala ħlasijiet minnu magħmula għal-loan tal-bank, u l-ammont ta' €6,182.25 bħala sehem tar-rikorrent għall-joint account.

29. Jirriżulta illi l-intimata, fid-difiża tagħha, saħqet illi filwaqt li ma kellhiex kontestazzjoni dwar il-pagamenti dovuti lir-rikorrent għal dak imħallas dwar il-loan tal-bank, hija qatt ma ngħatat spjegazzjoni għal ebda pagament pretiż mir-rikorrent in konnessjoni mad-dar, filwaqt illi nsistiet fl-affidavit tagħha illi "*Il-posizzjoni tiegħi dejjem kienet ċara ma' Ian, dak li qed jallega li ħallas lesta nħallsu, biss jgħaddili l-irċevuti*" (fol 133).

## Provi

30. Il-Qorti ma tistax ma tibdiex billi tosserva il-mod xejn korrett illi bih ġew ippreżentati l-provi dokumentarji tar-rikorrent, fejn dokumentazzjoni ġew ppreżentati b'mod skoordinat, mingħajr ebda preparazzjoni, fejn saħasitra r-rikorrent ippretenda li jippreżenta dokumentazzjoni ulterjuri waqt illi kienet qiegħda ssirlu l-kontro eżami tiegħu.

31. Din il-Qorti tqis illi wasal iż-żmien illi parti tassikura li tippreżenta dokumentazzjoni BISS mal-preżentata tal-kawża, u dana sabiex jiġi assikurat illi QABEL ma tinbeda

kawża, jkunu saru l-preparamenti kollha neċessarji u jinġabru l-provi kollha dokumentarji, u dana sabiex jiġi evitat dewmien esaġerat kif ukoll proċess pedantiku w mhux trasparenti fil-ġbir tal-provi.

32. Il-Qorti kienet tistenna illi r-rikorrent, li tant ħassu urtat mis-sitwazzjoni illi kellu ma' l-intimata, li kienet martu qabel ma ż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null, messu ħa ħsieb illi jipprepara d-dokumentazzjoni kollha tiegħu qabel ma ppreżenta l-kawża, u mhux, kif ġara attwalment, iressaqhom b'mod konfużjonali u bla ħsieb.

33. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar dak mitlub mir-rikorrent.

**Flejjes relatati mal-loan tal-Bank**

34. Jirriżulta illi fil-prospett tiegħu, ir-rikorrent jindika illi jrid jintradd lilu, fost somom oħrajn, is-somma ta' €3,351.95, rappreżentanti ħlasijiet minnu magħmula mil-loan illi sussegwentement assumiet l-intimata u li kien jirrigwarda l-bini tad-dar ta' l-intimata, li kienet intiża bħala dar matrimonjali tal-partijiet.

35. Jirriżulta illi tali somma ġiet aċċettata minnufih mill-intimata u ġiet depositata minnha fit-22 ta' Frar 2018 – ir-rikorrent eventwalment jidher li żbanka tali somma fit-13 ta' Lulju 2020 – għalhekk tali somma ma għadhiex aktar dovuta.

**Flejjes relatati mal-bini tad-dar ta' l-intimata 40-42 fi Triq San Edwardu, Birzebbugia**.

36. Jirriżulta, mill-prospett redatt mir-rikorrent huwa jikkontendi illi s-somma ta' €39,683 tħallset fi spejjeż relatati mal-post, filwaqt illi somma approssimattiva oħra ta' €13,500 hija dovuta għal xogħolijiet ta' ġebel u elettriku illi saret minn membri tal-familja tiegħu.

37. Jirriżulta wkoll illi, fil-prospett, ir-rikorrent qiegħed jippretendi lura l-ħlas ta' €5,000 għal ċurkett tal-engagement illi huwa kien xtara.

38. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, la darba huwa kien il-kawża tal-ksur irrimedjabbli taż-żwieġ, kif ikkonfermat it-Trbunal Ekklesjastiku, ċertament ma għandu ebda jedd jitlob lura l-valur ta' ċurkett minnu mixtri bħala turija ta' rabta għal żwieġ minnu magħmula iżda mhux attwata fil-mument propizju.

39. Dwar l-ispejjeż fid-dar ta' l-intimata, li kienet id-dar matrimojali, il-Qorti ma tistax ma tosservax in-nuqqas lampanti ta' riċevuti fiskali għal ħafna mill-pretensjonijet minnu magħmula, u ċertament din il-Qorti ma tista' qatt tagħmel bħala tagħha prova ta' ħlas illi ma hijiex riċevuta fiskali.

40. Jirriżulta illi, fost il-ħafna pretensjonijet tar-rikorrent, jidher illi s-segwenti huma korroborati minn riċevuti fiskali:

   a. Ħlas lil **Thermaseal Limited** għal '*Insulation & Waterproofing*' illi sar fit-22 ta' April 2015 fl-import ta' €2,015 (fol 38).

   b. Ħlas lil **Kevin Vassallo** għal '*Tħammil ta' plot b'hymac f'B'Bugia*' datat 18 ta' Ġunju 2014 fl-import ta' €3,280 (fol 39).

c. Ħlas lil **Kevin Vassallo** għal '*Skavar ta' bir u pool fi plot f'B'Bugia*' datat 28 ta' Ottubru 2014 fl-import ta' €1,720 (fol 40).

41. Jirriżulta illi r-rikorrent eżebixxa wkoll serje ta' riċevuti ta' Melita Store, ġewwa ż-Żurrieq, li lkoll jidhru a fol 41, fejn ma ssir ebda referenza jekk tali spejjeż humiex in konnessjoni max-xogħol fil-fond tar-rikorrent jew le. Jingħad ukoll illi, fil-25 ta' Jannar 2022, wara x-xhieda tiegħu in kontro eżami, ir-rikorrent talab li jippreżenta dokumentazzjoni in konnessjoni ma' tali riċevuti, liema talba kienet opposta mill-intimata stante illi l-provi tiegħu kienu ilhom magħluqa u din il-Qorti ma aċċettatx li jigu ppreżentati, peress illi r-rikorrent kellu kull opportunita illi jressaqhom waqt li kien qed iressaq il-provi tiegħu, iżda naqas milli jagħmel dan. Tali riċevuti fiskali, għalhekk, ma humiex qed jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti, peress illi ma hemm ebda ness bejn il-propjeta' ta' l-intimata w il-pretensjoni tar-rikorrenti.

42. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent ippreżenta wkoll serje ta' invoices varji b'kitba indikata fuqha li mħallsin kif ukoll riċevuti mhux fiskali ta' Perit, iżda f'ebda istanza ma ġiet ippreżentata riċevuta fiskali tal-ħlas - fin-nuqqas ta' tali prova fiskali, il-Qorti ma tistax taċċetta ebda rikjesta għal risarċiment ta' ħlas mhux uffiċjalment ikkonfermat.

43. Jirriżulta, għalhekk, illi minn dak li r-rikorrenti ppreżenta riċevuti fiskali, is-somma ta' **sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015)** tidher illi kienet imħallsa mir-rikorrent għal fond ta' l-intimata, u għalhekk huwa għandu jiġi risarċit tagħhom.

44. Ebda somma oħra, pretiża mir-rikorrent, ma ġiet ippruvata kif trid il-Liġi.

**Sehem tar-rikorrent mill-joint account.**

45. Jirriżulta, mill-provi illi, bħala rigali tat-tieġ tal-partijiet, ir-rikorrent ingħata s-somma ta' €9,895 minn familjari u konoxxenti tiegħu filwaqt illi l-intimata ngħatat is-somma ta' €19,020 minn familjari u konoxxjenti tagħha, u dana jirriżulta, mhux minn dokumentazzjoni pprovduta mir-rikorrent, imma minn prospett dettaljat ppreżentat mill-intimata (fol 144 sa 148).

46. Jirriżulta illi wara t-tieġ, minkejja illi ż-żwieġ kien ġia falla, il-partijiet kienu qablu illi jiftħu kont bankarju flimkien u jiddepositaw il-flejjes minnhom riċevuti.

47. Jirriżulta ammess mir-rikorrent, madanakollu, illi huwa ma ddeposita ebda somma flus lilu mgħoddija, filwaqt illi dak iddepositat fil-joint account kien biss dak li qiegħdet l-intimata, li sa dak iż-żmien kienet għadha qed tittama illi ż-żwieġ jissalva.

48. Jirriżulta illi, hekk kif ir-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, fit-8 ta' Awissu 2015, ħames ġimgħat wara li żżewġu, l-intimata ġibdet il-flejjes illi hija biss kienet iddepositat.

49. Jirriżulta illi ebda statement tal-Joint Bank Account ma qatt ġie ppreżentat mir-rikorrent, u kien jispetta lir-rikorrent jippreżenta tali prova.

50. Jirriżulta ċar, mill-banda l-oħra, illi l-intimata stess aċċettat li ddepositat l-ammont ta' €13,000 fil-kont li kienu fetħu flimkien, liema flus kienu parti mis-somma akbar mgħoddija lilha personalment bħala rigal għaż-żwieġ tagħha mar-rikorrent, liema flejjes l-istess intimata irtirat fit-8 ta' Awissu 2015 wara li kien falla ż-żwieġ u r-rikorrent abbanduna d-dar matriminjonali u wassal għall-ksur taż-żwieġ.

51. Jirriżulta, għalhekk, illi tali flejjes qatt ma kienu tar-rikorrent, kif minnu pretiż, imma kienu dejjem ta' l-intimata, bir-riżultat illi huma ma għandu ebda dritt għalihom.

**Ikkunsidrat**

52. Jirriżulta għalhekk, mill-provi prodotti, illi l-unika somma ippruvata permezz ta' dokumentazzjoni uffiċjali u fiskali bħala dovuti mill-intimata lir-rikorrenti hija dik ta' **sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015)**.

53. Jirriżulta wkoll illi s-somma ta' €3,351.95 relatata mal-ħlasijiet tal-loan kienet ġiet aċċettata mill-intimata qabel ma ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni, tant illi tali flejjes ġew ippreżentati b'ċedola ta' depożitu fit-22 ta' Frar 2018 u eventwalment ġiet żbankata f'Lulju 2020 – għalhekk tali somma ma għadhiex dovuta lir-rikorrent.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrent billi:

**Tiddikjara** illi l-intimata hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' **sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015)** in rigward ta' spejjeż minnu inkorsi fil-fond ta' l-intimata 40/42, Triq San Edwardu, Birzebbugia.

**Tikkundanna** lill-intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' **sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015).**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati, kwantu għal sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-intimata, w il-kumplament mir-rikorrent.

**Imgħax** huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**